

Brussell, 16 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12883/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0277 (NLE)**

**POLCOM 239
SERVICES 59
FDI 51
COLAC 147**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	15 ta' Settembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 489 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kunsill tal-Kummerċ u l-Kumitat għall-Kummerċ

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 489 final.

Mehmuż: COM(2025) 489 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.9.2025
COM(2025) 489 final

2025/0277 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Kummerċ
stabbilit mill-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika
taċ-Ċili, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kunsill tal-Kummerċ u l-
Kumitat għall-Kummerċ**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill tal-Kummerċ stabbilit skont l-Artikolu 33.1(1) tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili ("il-Ftehim"), b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' deċiżjoni dwar ir-regoli ta' proċedura għall-Kunsill tal-Kummerċ u l-Kumitat għall-Kummerċ stabbiliti skont il-Ftehim.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili

Il-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili għandu l-għan li jwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-qafas kummerċjali bilaterali attwali u li jaġġustah għal sfidi globali politiċi u ekonomiċi ġodda, għar-realtà l-għdida tas-sħubija bejn l-UE u ċ-Ċili, u għal-livell ta' ambizzjoni fil-ftehimiet kummerċjali konklużi reċentement u n-negozjati mwettqa mill-UE u ċ-Ċili. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2025.

2.2. Il-Kunsill tal-Kummerċ

Il-Kunsill tal-Kummerċ stabbilit skont l-Artikolu 33.1(1) tal-Ftehim huwa responsabbli għas-sorveljanza tat-tweqqif tal-oġġettivi tal-Ftehim u għas-superviżjoni tal-implimentazzjoni tiegħu. Huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet b'responsabbiltà għal kwistjonijiet ta' kummerċ u investiment.

2.3. L-atti previsti tal-Kunsill tal-Kummerċ

Fl-ewwel laqgħa tiegħu, fi [data], il-Kunsill tal-Kummerċ irid jadotta deċiżjoni li tistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu stess u deċiżjoni li tistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tal-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit skont l-Artikolu 33.2(1) tal-Ftehim ("l-atti previsti").

L-atti previsti jsiru vinkolanti fuq il-Partijiet f'konformità mal-Artikolu 33.1(5) tal-Ftehim, li jipprevedi li: "Il-Kunsill tal-Kummerċ għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu stess u r-regoli ta' proċedura tal-Kumitat għall-Kummerċ fl-ewwel laqgħa tiegħu".

3. IL-POŻIZZJONI LI GħANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill tal-Kummerċ dwar l-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura għall-Kunsill tal-Kummerċ u l-Kumitat għall-Kummerċ.

L-iskop tar-regoli ta' proċedura huwa li jiġi ddeterminat kif iż-żewġ korpi jwettqu l-funzjonijiet tagħhom u jieħdu d-deċiżjonijiet.

Ir-regoli ta' proċedura huma essenzjali biex jitlesta l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim u biex jiġi żgurat li jiffunzjona kif suppost.

4. BAŻI LEGALI

4.1. Bażi legali proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu “l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”

Il-kunċett ta’ “atti li jkollhom effetti legali” jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni. Jinkludi wkoll l-istrumenti li ma jkollhomx effetti vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-Unjoni”¹. Fl-aħħar nett, il-kunċett ta’ “atti li jkollhom effetti legali” jinkludi wkoll atti ta’ natura organizzazzjonali li jinfluwenzaw il-mod li bih id-deċiżjonijiet jittieħdu fi ħdan il-korp, pereżempju jekk korp b’setgħat deċiżjonali jadotta jew jimmodifika r-regoli ta’ proċedura tiegħu.

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ attwali

Il-Kunsill tal-Kummerċ huwa korp imwaqqaf permezz tal-Ftehim.

L-atti li l-Kunsill tal-Kummerċ qiegħed jintalab jadotta, jikkostitwixxu atti li jkollhom effetti legali. L-atti previsti jkunu vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f’konformità mal-Artikolu 33.1(5) tal-Ftehim u jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-mod kif jittieħdu d-deċiżjonijiet fi ħdan il-korpi rilevanti.

L-atti previsti la jissupplimentaw u lanqas jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi legali proċedurali tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE.

4.2. Bażi legali sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi legali sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE tiġi ddeterminata primarjament mill-oġettiv u l-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f’isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew komponenti jkun jista’ jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE trid tissegjes fuq bażi legali sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ attwali

L-oġettiv u l-kontenut ewlenin tal-att previst huma relatati mal-politika kummerċjali komuni.

Il-bażi legali sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija għalhekk l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) TFUE.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi legali tad-deċiżjoni proposta għandha tkun l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE.

¹ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014, *Il-Ġermanja vs Il-Kunsill*, C-399/12, EU:C:2014:2258, il-punti 61 sa 64.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kunsill tal-Kummerċ u l-Kumitat għall-Kummerċ

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili ("il-Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (EU) 2024/3016 tat-18 ta' Marzu 2024² u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2025.
- (2) Il-Kunsill tal-Kummerċ huwa stabbilit skont l-Artikolu 33.1(1) tal-Ftehim.
- (3) Skont l-Artikolu 33.1(5) tal-Ftehim, il-Kunsill tal-Kummerċ għandu jstabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu stess u r-regoli ta' proċedura tal-Kumitat għall-Kummerċ.
- (4) Il-Kunsill tal-Kummerċ, fil-laqgħa tiegħu ta' [data], irid jadotta deċiżjoni dwar ir-regoli ta' proċedura tiegħu.
- (5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill tal-Kummerċ, billi d-deċiżjoni se tkun vinkolanti fuq l-Unjoni.
- (6) Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni jenħtieġ li tissegjes fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Kummerċ mehmuż ma' din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill tal-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili dwar ir-regoli ta' proċedura tal-Kunsill tal-Kummerċ għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Kummerċ mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill tal-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili dwar ir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat għall-Kummerċ għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Kummerċ mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

² ĠU L, 2024/2953, 20.12.2024.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President